MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 134/2015

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar il-5 ta’ Jannar tas-sena 1991 skont ma kif jirrizulta mill-anness certifikat markat Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tlett itfal jisimhom H ta’ 21 sena, G ta’ 20 sena u J ta’ 12 il-sena;

Illi l-kontendenti kienu sseparaw minn ma xulxin permezz ta’ kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Robert John Muscat datat dsatax (19) ta’ April tas-sena elfejn u sebgha (19/04/2007) hawn anness u markat Dok B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati tul dan iz-zmien kollu u inoltre z-zewg partijiet qed ighixu hajja ndipendenti minn ma xulxin;

Illi ma jezistu ebda problemi in konnessjoni mal-obbligi ta’ mantemiment kontrattati;

Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficcjenti sabiex jissoddisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorju tal-partijiet halli dan l-istat ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Marzu, 2015;

Rat in-nota tal-intimat li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu fis-sens illi iddikjara illi qed jaqbel mat-talbiet attrici;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta’ April 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------